32002D0045

23.1.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 20/7

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-22 ta' Jannar 2002

## li temenda d-Deċiżjoni 93/402/KEE dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' laħam frisk minn pajjiżi tal-Amerika ta' isfel, speċjalment mill-Arġentina

*(notifikata taħt dokument numru K(2002) 287)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2002/45/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar problemi ta' saħħa u spezzjonijiet veterinarji ma' l-importazzjoni ta' annimali bovini, ovini u kaprini u majjali, laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi ([1]), kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1452/2001 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15 u l-Artikolu 16(1) tagħha,

Billi:

(1) Il-kondizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' laħam frisk mill-Arġentina, Brażil, Ċile, Kolombja, Paragwaj u Urugwaj huma speċifikati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/402/KEE tal-10 ta' Ġunju 1993 li tikkonċerna l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet ta' laħam frisk mill-pajjiżi tal-Amerika ta' Isfel ([3]), kif l-aħħar emendati bid-Deċiżjoni 2001/842/KE ([4]).

(2) Tfaqqiegħ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer kien konfermat fl-Arġentina fit-13 ta' Marzu 2001 u programm ta' vaċċinazzjoni ta' bovini kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer kien introdott.

(3) Il-Kummissjoni ssospendiet l-importazzjoni mill-Arġentina fil-Komunità tal-kategoriji kollha ta' laħam frisk minn dawk l-ispeċi suxxettibbli għal marda tal-ilsien u d-dwiefer bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/276/KE ([5]).

(4) Bejn id-19 u t-30 ta' Novembru 2001, marret delegazzjoni tal-Kummissjoni, sabiex teżamina s-sitwazzjoni epidemoloġika dwar il-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-miżuri ta' kontroll fis-seħħ.

(5) Dan l-eżami wera li l-awtoritajiet kompetenti tal-Arġentina indirizzaw il-biċċa l-kbira tal-problemi inklużi dawk identifikati matul missjonijiet ta' qabel, u li s-sitwazzjoni ta' mard issa stabilizzat ruħha f'numru ta' provinċji. Pero, ġew mitluba garanziji addizzjonali.

(6) L-awtoritajiet veterinarji kompetenti tal-Arġentina bagħtu l-informazzjoni u garanziji addizzjonali meħtieġa u huwa għaldaqstant xieraq li tkun permessa l-importazzjoni minn ċerti provinċji ta' laħam frisk mingħajr għadma għal konsum uman, u ta' ċertu laħam u skart miksub minn speċi bovini għal trattament dirett bħala ikel għal annimali domestiċi.

(7) Id-Deċiżjoni 93/402/KEE għandha għaldaqstant tkun hekk emendata.

(8) Din id-Deċiżjoni għandha tkun riveduta fid-dawl tal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fi żmien tliet xhur.

(9) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II li jinsab mad-Deċiżjoni 93/402/KEE huma sostitwiti bl-Anness li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
([2]) ĠU L 198, tal-21.7.2001, p.ġ 11.
([3]) ĠU L 179, tat-22.7.1993, p. 11.
([4]) ĠU L 301, tat-30.11.2001, p. 45.
([5]) ĠU L 95, tal-5.4.2001, p. 41.

*Artikolu 2*

Iċ-ċertifikat ta' saħħa kif hekk provdut fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/402/KEE fl-Anness III mudell A taqsima 2 mibgħut mill-Arġentina għandu jkun mimli bl-attestezzjoni tas-saħħa li ġejja:

"Il-laħam frisk bla għadma deskritt hawn fuq hu miksub minn annimali li ma jiġux minn dipartiment fejn tkun faqqgħet il-marda tal-ilsien u d-dwiefer fis-sittin jum ta' qabel. Barra minn hekk, il-laħam bla għadam ma joriġinax minn animali fid-dipartimenti ta' mad-dawra."

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Frar 2002 wara li tkun ġiet riveduta fil-Kumitat Veterinarju Permanenti skedata għat-22 u 23 ta' Jannar 2002.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta'Jannar 2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANNESS I*

**Deskrizzjoni tat-territorji tal-Amerika ta' Ísfel stabbilita għal l-għan ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

| Pajjiż | Territorju | | Deskrizzjoni tat-Territorju |
|---|---|---|---|
| | Kodiċi | Verżjoni | |
| Arġentina | AR | 012001 | Il-pajjiż kollu |
| | AR-1 | 012002 | Il-provinċji ta' Buenos Aires, Catamarca, Chaco, Chubut, Cordoba, Corrientes, Entre Rios, Formosa, Jujuy, La Rioja, Mendoza, Misiones, Neuquen, Rio Negro, Salta, San Juan, San Luis, Santa Cruz, Santa Fe, Tierra del Fuego and Tucuman |
| Brażil | BR | 0193 | Il-pajjiż kollu |
| | BR-1 | 022001 | L-Istati ta' Rio Grande do Sul, Parana, Minas Gerais, (minn barra delegazzjonijiet reġjonali għal Oliveira, Passos, Sao Gonçalo de Sapucai, Setelagoas u Bambui), Sao Paulo, Espirito Santo, Mato Grosso do Sul (minn barra il-muniċipalitajiet ta' Sonora, Aquidauana, Bodoquena, Bonito, Caracol, Coxim, Jardim, Ladario, Miranda, Pedro Gomes, Porto Murtinho, Rio Negro, Rio Verde of Mato Grosso u Corumba), Santa Catarina Goias u l-unitajiet reġjonali ta' San Antonio de Leverger, Nossa Senhora do Livramento, Pocone and Barro de Melgaço), Caceres (minn barra l-muniċipalita ta' Caceres), Lucas do Rio Verde, Rondono polis (minn barra il-muniċipalita ta' Itiquiora), Barra do Garças and Barra do Bugres in Mato Grosso |
| Ċili | CL | 0193 | Il-pajjiż kollu |
| Kolumbja | CO | 0193 | Il-pajjiż kollu |
| | CO- 1 | 0193 | Iż-żona nkluża fil-fruntieri li ġejjin:Mill-punt fejn ix-xmara Murri tobżoq fix-xmara Atrato, l-isfel matul ix-xmara Atrato minn fejn tibqa' sejra lejn l-Oċean Atlantiku, minn dan il-punt lejn il-fruntieri tal-Panama mal-kosta Atlantika sa Cabo Tiburon, minn dan il-punt lejn l-Oċean Paċifiku mal-fruntiera tal-Kolombja u tal-Panama, minn dan il-punt lejn ħalq ix-Xmara Valle mal-kosta Paċifika u minn dan il-punt linja dritta fejn ix-Xmara Murri tiltaqa max-Xmara River |
| | CO-2 | 0193 | Il-muniċipalitajiet ta' Arboletas, Necocli, San Pedro de Uraba, Turbo, Apartado, Chigorodo, Mutata, Dabeiba, Uramita, Murindo, Riosucio (in-naħa tal-lemin tax-xmara Atrato) u Frontino |
| | CO-3 | 0193 | Iż-żona nkluża fil-fruntieri li ġejjin:Minn ħalq ix-Xmara Sinu fuq l-Oċean Atlantiku, il'fuq max-Xmara Sinu sal-bidu tal-ilmijiet t'Alto Paramillo, minn dan il-punt lejn Puerto Rey fuq l-Oċean Atlantiku, mal-fruntiera bejn id-Dipartiment t'Antiquia u Cordoba, u minn dan il-punt lejn ħalq ix-Xmara Sinu mal-kosta Atlantika |
| Paraguay | PY | 0193 | Il-pajjiż kollu |
| Uruguay | UY | 012001 | Il-pajjiż kollu" |

*"ANNESS II*

**Garanziji ta' saħħa ta'l-annimali mitluba fuq iċ-ċertifikati** (1)

| Pajjiż | Territorju | Mudell ta' ċertifikat għal laħam frisk | | | | Mudell ta' ċertifikat għall-skart | | | | | | | | Mudell ta' ċertifikat għal laħam frisk mingħajr għadma(m'għandux jintuża bħala skart) | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Speċi | | | | ta' annimali bovini | | | | | | ta' ovini | | Speċi | | | |
| | | Bovini | Ovin-Kaprin | Majjali | Solipedi | HC | MP | | | | PF | HC | PF | Bovini | Ovini-Kaprini | Majjali | Solipedi |
| | | | | | | | 1 | 2 | 3 | 4 | | | | | | | |
| Arġentina | AR | - | - | - | D | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | D |
| | AR-1 | - | - | - | D | - | - | - | - | - | F (7) | - | - | A (6) | - | - | D |
| Brażil | BR | - | - | - | D | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | D |
| | BR-1 | - | - | - | D | - | - | - | - | - | F (5) | - | - | A (5) | - | - | D |
| Ċili | CL | B | B | H | D | B | B | B | B | B | B | B | B | A | C | H | D |
| Kolombja | CO | - | - | - | D | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | D |
| | CO-1 | - | - | - | D | - | - | - | - | - | - | - | - | A | - | - | D |
| | CO-2 | - | - | - | D | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | D |
| | CO-3 | - | - | - | D | - | - | - | - | - | - | - | - | A | - | - | D |
| Paragwaj | PY | - | - | - | D | - | - | - | - | - | F | - | - | A | - | - | D |
| Urugwaj | UY | B (2) | B (2) | - | D | B (2) | B (3) | B (3) | B (3) | B (3) | F<br>B (3) | - | G<br>B (3) | A (4) | C (4) | - | D |

(1) L-ittra (A, B, C, D, E, F, G u H) li jidhru fit-tabella jirreferu għal mudelli ta' garanziji tas-saħħa tal-annimali kif deskritti f'Anness III taqsima 2 tad-Deċiżjoni, li għandha tkun applikata għal kull prodott u oriġini skond Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni; linja (-) tindika li l-importazzjonijiet m'humiex awtorizzati.

KU: Konsum uman.

MP: Destinati għall-industrija tal-prodotti tal-laħam trattati bis-sħana:

1 = qlub.

2 = fwied.

3 = muskoli *masseter*.

4 = Ilsna.

PF: Destinati għall-industrija tal-ikel tal-annimali domestiċi.

(2) Għandu jintuża biss għal laħam minn annimali maqtula qabel it-23 ta' Marzu 2001.

(3) Għandu jintuża biss għall-skart minn annimali maqtula qabel it-23 ta' April 2001.

(4) Għandu jintuża biss għal laħam mingħajr għadam minn annimali maqtula qabel it-23 ta' April 2001 u/jew wara l-1 ta' Novembru 2001.

(5) Fil-każ ta' Rio Grande do Sul għandu jintuża biss għal laħam bla għadam jew għall-skart għal ikel għal annimali domestiċi minn annimali maqtula qabel id-9 ta' Mejju 2001 u/jew wara t-30 Novembru 2001.

(6) Għandu jintuża biss għal laħam bla għadam minn annimali bovini maqtula wara l-31 ta' Jannar 2002.

(7) Għandu jintuża biss għal laħam bla għadam jew skart għal ikel għal annimali domestiċi minn annimali bovini maqtula wara l-31 ta' Jannar 2002."